moviment tal-fokolari

KELMA TAL-ĦAJJA

NOVEMBRU 2018 | ĦARĠA 1811

“ARA, JIENA FIL-BIEB, U QIEGĦED INĦABBAT; JEKK XI ĦADD JISMAGĦNI U JIFTAĦLI L-BIEB, JIENA NIDĦOL GĦANDU U NIEKOL MIEGĦU, U HU JIEKOL MIEGĦI” (*AP* 3,20).

Kemm nies jiġu jħabbtu fuq il-bieb tagħna? Jista’ jkun il-pustier, jistgħu jkunu l-ġirien, xi ħbieb ta’ wliedna, u anki xi ħadd li ma nafuhx... Tgħid x’irid? Tgħid niftaħlu u ndaħħal f’dari `l min ma nafux?

Din il-Kelma t’Alla, li nsibuha fil-Ktieb tal-Apokalissi, tistedinna nilqgħu lil dak li ma nkunux qed nistennewh.

Hawnhekk, l-awtur ta’ dan il-Ktieb, li għalina l-insara hu mimli tagħlim, kien qed ikellem lill-knisja antika ta’ Laòdikija f’isem il-Mulej Ġesù, li miet u rxoxta għall-imħabba ta’ kull bniedem li hawn fid-dinja.

Hu kellimhom b’dik l-awtorità li tiġi minn din l-imħabba; hu faħħar, widdeb u stieden lil din il-komunità ta’ nies li jemmnu biex jilqgħu dik l-għajnuna qawwija li l-Mulej stess hejja għalihom, jekk huma jkunu lesti jagħrfu leħnu u “jiftħulu l-bieb”.

“ARA, JIENA FIL-BIEB, U QIEGĦED INĦABBAT; JEKK XI ĦADD JISMAGĦNI U JIFTAĦLI L-BIEB, JIENA NIDĦOL GĦANDU U NIEKOL MIEGĦU, U HU JIEKOL MIEGĦI”.

Illum, bħal f’dawk iż-żminijiet, il-komunità nisranija hi mistiedna tegħleb il-biża’ u l-firdiet u ma tkomplix tibni l-fiduċja tagħha fuq kastelli tar-ramel biex tkun tista’ tilqa’ `l Ġesù. Fil-fatt, Ġesù jiġi jiltaqa’ magħna kuljum liebes ‘libsa’ differenti: dik tat-tbatijiet li niltaqgħu magħhom kuljum, tad-diffikultajiet biex ngħixu skont dak li nemmnu, tal-isfidi biex nagħmlu għażliet importanti f’ħajjitna, iżda fuq kollox meta niltaqgħu miegħU fil-proxxmu tagħna.

Din hija wkoll stedina persunali biex “nieqfu” ma’ Ġesù f’mument intimu, kif nagħmlu ma’ ħabib fis-skiet ta’ filgħaxija, bilqiegħda madwar l-istess mejda. Dan hu l-aħjar ħin biex nibnu djalogu li jitlob qalb lesta li tisimgħu u tinfetaħ għalih.

Iżda hemm bżonn li nsikktu l-ħsejjes l-oħra: din hi l-kundizzjoni meħtieġa biex nagħrfu u nisimgħu leħnu, l-Ispirtu Tiegħu, dak biss li jista’ jeħlisna mill-biżgħat tagħna u jwassalna biex niftħulu l-bieb ta’ qalbna.

Chiara Lubich tirrakkonta: “Jekk irridu niskopru l-leħen tal-Ispirtu li hemm

ġewwa fina, irridu noħolqu fina s-skiet. Hekk, inkunu nistgħu nisiltu dan il-leħen minn fost l-ilħna l-oħra bħalma meta wieħed jislet djamant minn qalb it-tajn li mbagħad inaddfu, jurih lill-oħrajn u meta jasal il-waqt jagħtih bħala rigal, għax Hu Mħabba u l-Imħabba trid tingħata. Imħabbtu hi bħan-Nar li meta jiġi f'kuntatt mat-tiben aktar jaqbad, iżda jekk le, jintefa'. L-Imħabba trid tikber fina u toħroġ 'il barra minna"[1].

Papa Franġisku jgħid: "L-Ispirtu s-Santu hu don. [...] Hu jidħol fina u jagħmel il-frott, biex imbagħad inkunu nistgħu nagħtuh lill-oħrajn. [...] Għalhekk irridu nagħmlu kif jagħmel Hu: inwarrbu lilna nfusna miċ-ċentru biex ninfetħu għall-oħrajn; nirċievu biex nagħtu. Aħna mhux fiċ-ċentru: aħna għodda biex dan id-don jasal għand l-oħrajn"[2].

"ARA, JIENA FIL-BIEB, U QIEGĦED INĦABBAT; JEKK XI ĦADD JISMAGĦNI U JIFTAĦLI L-BIEB, JIENA NIDĦOL GĦANDU U NIEKOL MIEGĦU, U HU JIEKOL MIEGĦI".

Meta l-insara jgħixu l-imħabba lejn xulxin kif jgħallem il-Vanġelu, bħal Ġesù u flimkien miegħU, huma jkunu jistgħu jagħtu xhieda tal-preżenza t'Alla fil-ġrajjiet tal-istorja, anki fi żminijietna.

Ġesù spiss iħabbat f'xi post fuq il-fruntiera, fejn isibu ruħhom l-immigranti. Delja tirrakkonta: "Kien il-Ħadd u kienet is-sħana. Fuq il-bankina quddiem il-bar tiegħi rajt ħafna ommijiet ma' wliedhom jibku bil-ġuħ. Jiena stedinthom jidħlu fil-bar u għidtilhom li kont se noffrilhom xi ħaġa x'jieklu bla ma jħallsu xejn. Dawn l-ommijiet bdew jistħu għax ma kellhomx biex iħallsuni, iżda jiena nsistejt u huma aċċettaw dak li tajthom. Kollox beda minn hawn u llum dan sar il-bar tal-immigranti, li l-biċċa l-kbira minnhom huma Musulmani. Huma jsejħuli "Mamà Afrika". Il-klijenti li kelli qabel, ftit ftit tlifthom u l-kamra fejn kienu jilagħbu l-anzjani saret il-kamra fejn it-tfal joqogħdu jiktbu u jilagħbu. Hemm ukoll post fejn jistgħu jbiddlu lit-trabi u kultant din il-kamra sservi għal-lezzjonijiet tat-Taljan. Għalija din ma kinitx għażla, iżda ħassejt il-bżonn li ma ndawwarx wiċċi n-naħa l-oħra. Grazzi għal dawn il-immigranti sirt naf ħafna nies u għaqdiet li qed jgħinuni fix-xogħol tiegħi. Li kelli nibda mill-ġdid, nerġa' nagħmel dak kollu li għamilt. L-importanti għalija hu li NAGĦTI minn dak li għandi"[3].

Ilkoll kemm aħna mistednin nilqgħu `l-Mulej li qiegħed iħabbat, biex flimkien miegħU ngħinu `l min hu qrib tagħna.

U l-Mulej innifsu jidħol fina bil-preżenza tiegħu.

Letizia Magri

1: C. Lubich, Lo Spirito Santo è l'Amore, 12 settembre 1949, in «Collegamento CH», Ġunju 2006.
2: FRANCESCO, Udjenza Ġenerali, Ruma 6 ta' Ġunju 2018.
3: In «Città Nuova online», 7 ta' Marzu 2018 u fil-«Kollegament CH», 16 ta' Ġunju 2018.